MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 342/2012

**Spinola Development Company Limited**
**C-32772**

**vs**

**Markus Daniel Sonermo u Zunilda Ceferina Zorilla**
**ID-41431(A) u 41432(A) rispettivament**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas fl-ammont komplessiv ta' s-somma komplessiva ta' elfejn disa' mija u sitt ewro u hames centezmi (€2,906.05c), kwantu ghas-somma ta' seba' ewro u hamsin centezmu (€7.50c) rapprezentanti prezz ta' konsum ta' ilma relattiv ghal Apartament 28101, *Portomaso Complex*, San Giljan ghax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2011 skond ma jirrizulta mill-anness prospett immarkat bhala Dokument 'A'; kwantu ghas-somma ta' elf hames mija u wiehed u tmenin ewro u

tmienja u hamsin centezmu (€1,581.58c) rapprezentanti prezz ta' *common costs* u *service charge* ghall-fuq imsemmi apartament ghas-sena 2010 skond ma jirrizulta mill-anness prospett immarkat bhala Dokument 'B'; u kwantu ghas-somma ta' elf tlett mija u sittax-il ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,316.97c) rapprezentanti prezz ta' *extras (Repairs and Maintenance)* ghall-fuq imsemmi apartament skond ma jirrizulta mill-anness prospett immarkat bhala Dokument 'C', liema somma komplessiva intom bqajtu ma hallastux nonostante diversi interpellazzjonijiet li sarulkom, u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi s-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somom precitati indikati fil-fuq imsemmija fatturi (Dokumenti 'A', 'B' u 'C') mid-dati tar-rispettivi fatturi sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza odjerna, kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn disa' mija u sitt ewro u hames centezmu (€2,906.05c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------